MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru. 1085/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Adrian Darmanin**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Adrian Darmanin** ta' 35 sena, bin John Darmanin u Fiorenza k/a Florence Darmanin xebba Xuereb, imwieled San Giljan, Malta, nhar il-24 ta' Settembru 1975, residenti FLT 2, Ramsey, Triq Fra Fred Mattei, Zebbug, u detentur tal-karta ta' l-identita' **433775M**, gie akkuat :

(a) Talli nhar it-8 ta' Mejju 2010, ghall-habta ta' 12:45hrs, fi Triq il-Kbira Haz-Zebbug Malta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, permezz tal-vettura li kienet misjuqa minnek u cioe b'vettura numru tar-registrazzjoni IBN 048, b'mod involontarju ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ragel anzjan u cioe ta' Gaudenzio Cilia, hekk kif iccertifika Dr. Jonathan Calleja med Reg. 5166 mill-isptar Mater Dei.

(b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBN 048, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika u jew tissospendi lill-hati milli kollu jew jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tat-12 ta` Jannar 2012 li jinsab *a folio* 70 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza ta` l-20 ta` Lulju 2012 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti tippuntwalizza li l-imputazzjonijiet originali u dawk indikati fir-*rinvio a giudizio*, u moqrija lill-imputat fl-udjenza tal-20.07.2012, huma s-segwenti :

Art 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta – offiza involontarja fuq il-persuna li tattira piena ta` prigunerija ghal mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn €4658.75.

Art 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta – ir-reat ta` sewqan b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni, jew b’mod perikoluż jattira l-piena tal-multa ta’ mhux iżjed minn €232.94 jew tal-priġunerija ta’ mhux iżjed minn tliet xhur. [ Art 15(2) - Meta r-reat ikun jikkonsisti f’sewqan ta’ vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b’mod perikoluż, il-qorti, b’żieda tal-piena għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f ’każ ta` l-ewwel kundanna, għal żmien ta’ mhux anqas minn tliet xhur, u f’każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta’ mhux anqas minn sena].

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar it-8 ta` Mejju 2010 ghall-habta ta` 12.00-12.15hrs, gewwa Triq il-Kbira, Zebbug, sehh incident fejn fih wegga gravi certu Gaudenzio Cilia li allegatament kien gie milqut minn vettura IBN048 misjuqa mill-imputat Adrian Darmanin. Saret investigazzjoni u a bazi ta` l-istess investigazzjoni, l-imputat tressaq il-Qorti biex jirrispondi, *inter alia*, ghall-imputazzjonijiet migjuba ta` sewqan traskurat u talli involontarjament, bi traskuragni, kkawza feriti gravi fuq l-imsemmi Gaudenzio Cilia.

**Ikkunsidrat**;

***DWAR IL-FERITI***

Il-prosekuzzjoni addebitat lill-imputat bid-dispozizzjonijiet ta` l-Artikoli 226(1)(a) u 218 tal-Kapitolu 9. Il-feriti gravi li garrab Gaudenzio Cilia jinkwadraw perfettament fil-parametri tad-dispozizzjonijiet tal-ligi msemmija. Issir referenza hawnhekk ghac-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Jonathan Calleja, immarkat bhala dok 2 li jinsab *a folio* 13 ta` l-atti – fejn il-feriti gew ikklassifikati bhala “grievous per natura and durata”. Issir referenza wkoll f’dan il-kuntest, ghad-depozizzjoni tat-Tabiba Stephanie Coats li tinsab *a folios* 59 u 60 ta` l-atti u ghall-verbal tad-difiza li jinsab *a folio* 58 ta` l-atti.

***DWAR ID-DINAMIKA TA` L-INCIDENT***

Qabel tidhol fuq il-verzjonijiet moghtija, din il-Qorti tixtieq tikkummenta dwar cirkostanza partikolari li jidher li nqalet f’dan il-kaz. Id-difiza tikkontendi li l-imputat thalla jitlaq minn fuq il-post ta` l-incident mill-pulizija stess u li, wara xi hin, rega ntalab imur lura bil-vettura tieghu u ghalhekk kellha ssir rikostruzzjoni tax-xena ta` fejn u kif kienu jinsabu l-vetturi rispettivi wara li kien sehh l-incident. Minn naha taghha, u l-mod kif xehedu x-xhieda tal-prosekuzzjoni, il-prosekuzzjoni ma taqbilx ma din l-allegazzjoni tad-difiza. Il-Qorti ma jidhriliex li ghandha toqghod tinhela wisq fuq dan il-punt, anki jekk pero`, dak li qed tallega d-difiza effettivament sehh, din il-Qorti ma ssibx diffikolta` tghid li cirkostanza bhal din zgur li ma hix wahda felici u ma ghandhiex terga tirrepeti ruhha fil-futur. Pero`, indipendentement minn jekk effettivament il-vetturi ccaqilqux u x-xena kellha tigi rikostruwita, jew le, din il-Qorti hi tal-fehema li dan bhala fatt ma hu ser jincidi xejn fuq l-analizi li ser taghmel hi dwar il-lok ta` fejn sehh l-incident (sostenibbli mir-ritratti esebiti) u tad-depozizzjonijiet taz-zewg protagonisti.

Din il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet, dik ta` Gaudenzio Cilia u dik ta` l-imputat. Gaudenzio Cilia jghid, *inter alia*, li huwa pparkja t-*truck* tieghu biswit id-dar tieghu, kwazi zewg pulzieri fuq il-bankina. Nizel minn gol-kabina, ghalaq il-bieba, kellu c-cwievet f’idu, u ra lil tac-Citroen gej ghal fuqu. Is-sur Cilia intlaqat u spicca ma` l-art. Minn naha tieghu l-imputat jghid, *inter alia*, li hu kien qed isuq il-vettura Citroen go Triq il-Kbira wara *truck* zghir. Dan it-*truck* waqaf f’daqqa. Minn faccata kienet gejja karozza li waqfet biex iccedilu. Hu beda jsuq u kien ghadu fuq il-*first* meta sema hoss. Waqaf u peress li minn gol-karozza ma kien ra xejn,

nizel biex jara x'gara. Ra persuna b'idu maqbuda fil-bieba tat-*truck*, u malli qalalu idu, din il-persuna ntefet mal-art. Spjega illi meta kien ser jghaddi, wara li tal-faccata cedielu, Gaudenzio Cilia hareg f'daqqa mill-van.

Il-Qorti qieset sew u fid-dettal il-provi u r-rizultanzi processwali kollha u dawn, mehuda lkoll flimkien, huma tali li ma jhallu ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-incident mertu ta` din il-kawza kien rizultat ta` sewqan perikoluz minn naha ta` l-imputat.  Fil-fehema ta` din il-Qorti, is-sewqan ta` l-imputat fil-mument in kwistjoni gabu passabbli ghar-reati addebitati lilu fir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali.

Il-verzjoni li ta l-imputat hi tali li ma hijiex sostenibbli mill-provi u rizultanzi ohra. L-imputat irid jghati wiehed x'jifhem li donnu kien Gaudenzio Cilia (anzjan ta` l-fuq minn 84 sena) li, f'hakka t'ghajn, minn bil-qiegheda gol-kabina tat-*truck* tieghu, spicca barra t-*truck* u li dan kien propju hu li holoq is-sitwazzjoni perikoluza bil-heffa tieghu. Il-buon sens u l-impatt li rrizulta li sehh ma jhallikx tabbracca l-verzjoni moghtija mill-imputat. Huwa pacifiku li Gaudenzio Cilia intlaqat, sofra griehi u spicca fl-art. La ntlaqat, necessarjament ifisser li 'sekondi' qabel ma ntlaqat, huwa kien barra l-kabina. Minn bil-qiegheda gol-kabina ma setghax jintlaqat. Jekk kien ghadu hiereg mill-kabina u l-bieba miftuha, ic-Citroen misjuqa mill-imputat kienet tolqot il-bieba tat-*truck* u mhux lil Gaudenzio Cilia. Kollox jindika ezatt kif qed jghid l-istess Gaudenzio Cilia. Huwa kien barra l-kabina u kien hawn meta huwa ntlaqat. Veru illi l-post fejn huwa pparkja t-*truck* tieghu ma hux xi post idoneju fejn ghandu jsir ipparkjar ta` vetturi (ghax kif inhu l-ambjent tat-triq in kwistjoni, it-*truck* kif gie pparkjat, holoq restrizzjoni ohra ghall-*flow of traffic*). Izda, la darba l-provi juru bic-car li l-impatt sehh meta Gaudenzio Cilia kien diga bil-wieqfa mal-bieba, l-imputat ftit li xejn ghandu hajt ta` kenn u difiza plawsibbli, aktar u aktar meta huwa stess imkien ma jiddikjara li ra lil Gaudenzio Cilia.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta` piena din il-Qorti hi tal-fehema li l-portata ta` l-incident timmerita l-impozizzjoni ta` piena pekunjarja adegwata, u l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan (din hi wahda tassattiva), anke jekk din ser tkun fil-minimu taghha, u dana sabiex l-imputat jifhem u japprezza l-importanza tal-attenzjoni u l-galbu li jehtieg li jipprattika meta jkun qed isuq.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 533, 226(1)(a), u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lil Adrian Darmanin hati ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti u tikkundannah multa komplessiva ta` seba mitt Euro (€700) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` tlett (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------